# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 608/2015/VG**

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**vs**

**Christian URRY [ID. Nru. 476689M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-28 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett mija sebgha u tmenin euro u sebgha u hamsin centezmi ta' euro [€387.57c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u tmenin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€387.57) in konnessjoni ma' 79733822 (AC51102094).
>
> Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk in konnessjoni ma' ittra ufficjali 604/13, u bl-imghaxijiet legali sa mit-13 ta' Marzu, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Ingrid Zammit Young ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' tlett mija sebgha u tmenin euro u sebgha u hamsin centezmi ta' euro [€387.57c] in konnessjoni ma' 79733822 (AC51102094).

Ikkunsidra;

2. Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett mija sebgha u tmenin euro u sebgha u hamsin centezmi ta' euro [€387.57c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-13 ta' Marzu, 2013 (data tal-ittra ufficjali a fol. 6), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali numru 604/13, huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**